bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Ivan Cassar, iben Norman,
imwieled l-Imtarfa fit-22 ta' awissu,
1970

Illum, 30 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-14 ta' novembru, 2000 u/jew ġranet qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' Compaq Armada M700 Laptop, li l-valur tiegħu hu aktar minn elf liri maltin (Lm1,000).

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi għal ħabta ta' ġunju, 2000 il-Bank of Valletta kien xtara numru ta' laptops tal-marka hawn fuq indikata. Fil-11 ta' ottubru, 2000 il-Bank of Valletta kellha tagħmel presentazzjoni l-Hilton Hotel, San Ġiljan iżda dak in-nhar sabu li wieħed minn tlett computers li kellhom jiġu użati ġie misruq mill-'conference room'. James Drury, 'security manager' il-Hilton Hotel, investiga dan il-każ u fil-kors Tal-invesigazzjoni hu nforma l-aġenti tal-computer hawn fuq indikat. Xi għaxar tijiem wara l-inċident ġie nfurmat li dan il-'laptop' partikolari kien għand l-aġenti lokali għat-tiswija – Megabyte.

Illi l-pulizija ġew infurmati b'dan il-każ u meta marru għand il-Megabyte, John Ambrogio, 'general manager', infurmhom li dan il-'laptop' kien tal-Bank of Valletta għaliex meta fetħu l-'hard disk' sabu nformazzjoni tal-Bank of Valletta. Hu kien kellem lil Ray Azzopardi tal-Bank of Valletta u dan min-naħa tiegħu nfurmah li ftit jiem qabel kien ġie nieqes dak il-'laptop' mill-lukanda Hilton. Il-pulizija ġew

infurmati li Joseph Cilia kien ġie b'dan il-'laptop'. Il-pulizija kellmu lil Joseph Cilia li qal li Martin Vella kien ġabu l-ħanut tiegħu. Martin Vella qal lill-pulizija li kien l-imputat, Ivan Cassar, li kien talbu biex jsib 'power supply' għalih.

Illi l-pulizija nterrogaw lill-imputat fuq dan il-fatt. L-imputat xehed li hu kien Il-ħanut tiegħu meta Robert Galea, impjegat ta' l-imputat, daħal l-uffiċju ħdejn l-imputat u qallu li kien hemm raġel li ried ibih 'laptop'. Skond l-imputat hu kien ilu jfittex laptop u xahrejn qabel ma kienx xtara wieħed mid-Dubai għaliex il-'credit card' ma ħadmitx. Dan ir-raġel talbu erba' mitt liri maltin (Lm400) għal 'laptop' tal-marka hawn fuq indikata. L-imputat ftehiem miegħu li jħallas tlett mija u ħamsa u sebgħin liri maltin (Lm375) u jtih il-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin lira maltin (Lm25) meta jġiblu l-'power supply'. Skond l-imputat dan il-'laptop' kellhu s-serial numbers u ma ħasibx li kien xi ħaġa ħażina fih. Hu xehed li l-prezz mitlub kien wieħed tajjeb u kien jipparaguna sew ma dak li hu ra d-Dubai. L-imputat ikkonsenja cheque lil din il-persuna maħruġ fuq il-Bank of Valletta. L-imputat xehed li hu ma kitibx l-isem ta' din il-persuna fuq dan iċ-cheque, ma kienx jaf min hu u ma stqsihx x'jismu. Din il-persuna kienet sejra l-barra meta kellmet lil Robert Galea biex issarraf dan iċ-cheque. Meta Robert Galea ra li ċ-cheque kien tal-imputat hu tah il-flus minn tiegħu għaliex kien għadu kif irċieva l-paga. Robert Galea xehed li hu ressaq li din il-persuna għaliex kien jaf li l-imputat kien qed ifittex 'computer'. Ikkonferma li hu ta l-flus lil din il-persuna u talab lill-imputat li jikted dan iċ-cheque f'ismu.

Illi mill-provi prodotti jidher ċar li l-imputat lkien kompletament in 'buona fede' meta xtara dan il-'laptop'. L-aġir tiegħu hu xhieda ta' dan. Hu ċar li hu ma kienx jaf li dan l-oġġett kien misruq u meta tara l-prezz mitlub ma dak li hu sab id-Dubai kien wieħed raġonevoli għal 'laptop' mhux ġdid. Minbarra dan il-metodu tal-pagament jirrifletti l-fatt li f'moħħu ma kien hemm xejn ħażin fix-xiri ta' dan l-oġġett. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-elementi ta' dan ir-reat u cioe' li l-imputat kien jaf li dak l-oġġett ma kellhux provenjenza leċita u li l-prezz kien wieħed tant baxx li jinduċu l-ħsieb li tali oġġett m'għandhux provenjenza leċita huma nieqsin.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża.